IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.3.2019
COM(2019) 161 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/109/EC dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul

I. INTRODUZZJONI

L-ewwel Rapport tal-Kummissjoni ("ir-Rapport tal-2011")[1] dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/109/KE[2] ("id-Direttiva") ġie ppubblikat fit-28 ta' Settembru 2011, f'konformità mal-obbligu ta' rappurtar taħt l-Artikolu 24 tad-Direttiva. Dan ir-rapport żvela nuqqas ġenerali ta' informazzjoni fost ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar l-istatus ta' residenza għal żmien twil (LTR) tal-UE u d-drittijiet marbuta miegħu, kif ukoll għadd ta' nuqqasijiet fit-traspożizzjoni tad-Direttiva f'liġi nazzjonali (pereżempju interpretazzjoni restrittiva tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, kundizzjonijiet addizzjonali għall-ammissjoni, tariffi amministrattivi għoljin, ostakli illegali għall-mobbiltà intra-UE, dgħajfien tad-dritt għat-trattament ugwali u tal-protezzjoni kontra t-tkeċċija).

Dan it-tieni Rapport jagħti stampa ġenerali aġġornata ta' kif l-Istati Membri tal-UE[3] kienu qed jittrasponu u jimplimentaw id-Direttiva, inkluża għall-ewwel darba informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/51/UE[4] li emendat id-Direttiva 2003/109/KE billi estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri kellhom sal-20 ta' Mejju 2013 biex jittrasponu d-Direttiva 2011/51/UE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni nediet proċedimenti ta' ksur fil-konfront ta' 11-il Stat Membru talli ma ttrasponewx id-Direttiva fil-ħin jew talli ma infurmawx lill-Kummissjoni kif xieraq dwar l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali. Ingħalqu tmienja minn dawn il-każijiet.

Dan ir-Rapport tfassal abbażi ta' studju mwettaq minn kuntrattur estern matul il-perjodu 2014-2016 u ta' sorsi oħra, inklużi lmenti[5], petizzjonijiet, skambji ta' informazzjoni mal-Istati Membri, u proċeduri ta' ksur.

Stampa ġenerali statistika

Ir-Rapport tal-2011 enfasizza l-impatt baxx li d-Direttiva kien kellha f'ħafna Stati Membri, bi ftit permessi ta' LTR tal-UE maħruġa, u 80 % minnhom maħruġa biss minn erba' Stati Membri[6]. Fl-2017, għalkemm jista' jiġi rrappurtat aktar użu ġenerali (3 055 411-il permess ta' LTR tal-UE meta mqabbel ma' 1 208 557 fl-2008), l-istess erba' pajjiżi jirrappreżentaw perċentwal ogħla ta' permessi ta' LTR tal-UE maħruġa (90 %), bl-Italja toħroġ madwar 73 % minnhom[7]. Dan l-użu baxx jista' jiġi attibwit għan-nuqqas ta' informazzjoni disponibbli dwar l-istatus ta' LTR, mhux biss fost ċittadini ta' pajjiżi terzi iżda wkoll fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-migrazzjoni; kif ukoll għall-"kompetizzjoni" ma' skemi nazzjonali li ilhom stabbiliti, u li huma permessi mill-Artikolu 13 tad-Direttiva (21 minn 25 Stat Membru żammew l-iskemi nazzjonali tagħhom).

---

1 Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/109/KE dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul, COM(2011) 585 finali.

2 Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44.

3 Id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit mhumiex marbuta bid-Direttiva.

4 Id-Direttiva 2011/51/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE biex testendi l-ambitu tal-applikazzjoni għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, ĠU L 132, 1. 9.5.2011, p.1.

5 Il-biċċa l-kbira mill-ilmenti riċevuti mill-Kummissjoni jikkonċernaw: applikazzjonijiet irrifjutati għal raġunijiet differenti (eż. l-issodisfar tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' LTR, b'mod partikolari riżorsi stabbli u regolari, u perjodi ta' assenza); tariffi amministrattivi sproporzjonati; it-trattament ugwali; il-format tal-permess; ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali; u l-mobbiltà intra-UE.

6 AT, CZ, EE, IT.

7 Data mill-Eurostat, http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=migr_reslong&lang=en

II. KONFORMITÀ TAL-MIŻURI TA' TRASPOŻIZZJONI

Kamp ta' applikazzjoni personali - Artikolu 3

L-Artikolu 3 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u għadd ta' esklużjonijiet (jiġifieri sitwazzjonijiet fejn id-Direttiva ma tapplikax). Ir-Rapport tal-2011 enfasizza problema partikolari waħda fl-implimentazzjoni fost bosta Stati Membri, li hija relatata mal-esklużjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi abbażi ta' raġunijiet temporanji biss (l-Artikolu 3(2)(e)), b'xi Stati Membri japplikaw interpretazzjoni wiesgħa ta' din l-eċċezzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ċċarat it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni, billi ddikjarat li d-Direttiva teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha "residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li, għalkemm tkun legali u għal żmien eventwalment kontinwu, ma tirriflettix a priori l-*intenzjoni* tagħhom li jirrisjedu għat-tul fit-territorju tal-Istati Membri"; u li "il-fatt li permess ta' residenza għandu restrizzjoni formali ma jistax jippermetti, fih innifsu, li jkun magħruf jekk dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jistax ikun residenti għat-tul fl-Istat Membru, minkejja l-eżistenza ta' tali restrizzjoni"[8]. Filwaqt li, fl-aħħar mill-aħħar, il-QĠUE ddikjarat li tibqa' r-responsabbiltà tal-qrati nazzjonali li jivvalutaw b'mod individwali l-legalità ta' dawn l-esklużjonijiet, il-Kummissjoni ma rċevietx ilmenti dwar xi abbuż allegat ta' din l-eċċezzjoni min-naħa tal-Istati Membri.

L-esklużjoni oriġinali tar-refuġjati mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ġiet eliminata fl-2011[9]; madankollu, id-Direttiva għadha ma tapplikax għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom forma ta' protezzjoni li mhijiex dik stabbilita fid-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika għall-Asil[10] (l-Artikolu 3(2)(c)). La l-każistika tal-QĠUE u lanqas il-qrati nazzjonali għadhom ma ċċaraw bis-sħiħ il-kwistjoni ta' kif l-istatusijiet ta' protezzjoni nazzjonali għandhom jiġu distinti minn statusijiet nazzjonali oħra ta' residenza legali.

Durata tar-residenza - Artikolu 4

Huwa meħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu għexu legalment u b'mod kontinwu fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru għal ħames snin qabel jippreżentaw l-applikazzjoni għall-istatus ta' LTR. Ir-Rapport tal-2011 enfasizza li xi Stati Membri jistgħu jkunu qed japplikaw il-kunċett ta' residenza "legali" b'mod restrittiv, b'mod partikolari billi jeskludu d-detenturi ta' viżi jew permessi ta' residenza speċifiċi. Il-Kummissjoni investigat wieħed minn dawk il-każijiet, liġi nazzjonali li kienet teħtieġ li l-applikanti għall-istatus ta' LTR ikunu detenturi tal-permess ta' residenza permanenti nazzjonali. Wara skambji ta' informazzjoni mal-Kummissjoni, l-Istat Membru bidel il-liġi nazzjonali tiegħu u għamilha konformi mad-Direttiva.

Fir-rigward tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, id-Direttiva tipprovdi li jittieħed inkunsiderazzjoni mill-inqas nofs il-perjodu bejn id-data tat-tressiq tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u l-għoti tal-permessi ta' residenza bħala benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali, fejn dak il-perjodu ma jaqbiżx 18-il xahar (l-Artikolu 4(2)). Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri jieħdu inkunsiderazzjoni nofs dak il-perjodu, filwaqt li oħrajn[11] jipprevedu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-perjodu kollu.

---

8 Is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012 fil-kawża C-502/10 (*Singh*).

9 Bid-Direttiva 2011/51/UE.

10 Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni).

11 DE, EE, FI, FR, IT, PT, RO, SK, SE.

S'issa, il-Kummissjoni ma rċevitx ilmenti rigward l-implimentazzjoni skorretta tal-Artikolu 4(1a), li jistabbilixxi li l-Istati Membri ma għandhomx jagħtu status ta' LTR f'ċerti każijiet ta' rtirar tal-protezzjoni internazzjonali, f'konformità mad-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika għall-Asil.

Kundizzjonijiet għall-ksib tal-istatus ta' resident għal żmien twil - Artikolu 5

L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ksib tal-istatus ta' resident għal żmien twil, jiġifieri li l-applikant irid jipprovdi evidenza li għandu riżorsi stabbli u regolari, assigurazzjoni tal-mard, u (b'mod fakultattiv) li jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' integrazzjoni.

Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri stabbilew il-paga minima nazzjonali jew il-mezzi ta' sussistenza minimi bħala soll biex jivvalutaw il-kundizzjoni tar-riżorsi stabbli u regolari. Xi Stati Membri jiddefinixxu wkoll l-ammont ta' riżorsi finanzjarji meħtieġa għall-membri tal-familja tar-residenti għal żmien twil. Kif ġie ċċarat mill-QĠUE fir-rigward tad-Direttiva 2003/86/KE dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji[12], l-Istati Membri ma jistgħux jimponu livell minimu ta' introjtu li taħtu jiġu rrifjutati l-applikazzjonijiet kollha, irrispettivament minn xi eżami li jsir tal-każ individwali. Din l-interpretazzjoni tista' tiġi applikata wkoll għad-Direttiva dwar Residenti għal żmien twil.

Il-Kummissjoni ċċekkjat ma' bosta Stati Membri li hemm stabbilita valutazzjoni tal-proporzjonalità meta jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet tar-riżorsi. F'wieħed minn dawk il-każijiet, wara proċedura ta' ksur, l-Istat Membru kkonċernat (MT) emenda l-liġi tiegħu billi introduċa klawżola ta' flessibbiltà li teħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jqisu ċ-*ċirkustanzi rilevanti kollha* tal-każ individwali qabel jieħdu deċiżjoni biex jirrifjutaw jew jaċċettaw l-applikazzjoni.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri jeħtieġu li l-applikanti għar-residenza għal żmien twil jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' integrazzjoni[13], u b'mod ġenerali jeħtieġu l-għarfien tal-lingwa uffiċjali tagħhom. Xi Stati Membri jeħtieġu wkoll li dawn jattendu korsijiet ta' edukazzjoni ċivika[14]. Fil-kawża P&S[15], il-QĠUE qieset il-possibbiltà li l-Istati Membri jistabbilixxu rekwiżiti ta' integrazzjoni *wara* l-akkwist tal-istatus ta' LTR, u ddeċidiet li d-Direttiva ma tipprevjenix dawk ir-rekwiżiti, diment li ma jirriżultawx fl-irtirar tal-istatus.

Ordni pubbliku u sigurtà pubblika - Artikolu 6

L-Istati Membri kollha ttrasponew din ir-raġuni fakultattiva għal rifjut, għalkemm spiss jużaw terminoloġija differenti u jistabbilixxu sollijiet differenti fuq kundanni kriminali preċedenti. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha[16] ttrasponew b'mod espliċitu l-kriterji tal-ibbilanċjar stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 6(1), li jeħtieġu li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali tal-applikant meta tittieħed id-deċiżjoni rilevanti. Dan jista' joħloq problemi ta' konformità fl-applikazzjoni konkreta tad-deċiżjonijiet ta' rifjut mill-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, s'issa, il-Kummissjoni ma rċevietx ilmenti rigward dan.

Evidenza dokumentarja - Artikolu 7(1)

Bħala kwistjoni problematika taħt xi liġijiet nazzjonali, ir-Rapport tal-2011 enfasizza li n-nuqqas ta' forniment ta' evidenza dokumentarja li turi livell xieraq ta' akkomodazzjoni jitqies bħala raġuni valida għar-rifjut ta' applikazzjoni. Mill-informazzjoni disponibbli dwar l-

[12] Is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2010 fil-kawża C-578/08 ,(*Chakroun*).
[13] AT, BE, CY, EE, EL, FR, HR, IT, LT, LV, LU, MT, NL, PT, RO.
[14] BE – il-Fjandri, FR, HR, LT, LU, RO.
[15] Is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015 fil-kawża C-579/13 (*P&S*).
[16] ES, FR, HU, PL, RO, SI.

implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni f'dawk l-Istati Membri li għażlu dan ir-rekwiżit ta' dokumentazzjoni, jidher li fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-prova ta' akkomodazzjoni xierqa titqies bħala kundizzjoni għall-akkwist tal-istatus. Fin-nuqqas tal-kjarifika tal-QĠUE dwar dan il-punt, il-letteratura akkademika hija maqsuma dwar jekk din l-implimentazzjoni tikkonformax mad-Direttiva[17].

Wara proċedura ta' ksur fil-konfront ta' Malta, li l-leġiżlazzjoni tagħha kienet teħtieġ li l-akkomodazzjoni ma tkunx kondiviża ma' persuni oħrajn li ma jkunux membri tal-familja, Malta emendat il-leġiżlazzjoni tagħha biex tagħmilha konformi mad-Direttiva.

Terminu biex tiġi pproċessata l-applikazzjoni - Artikolu 7(2)

Filwaqt li l-Istati Membri kollha ttrasponew b'mod korrett l-iskadenza ta' sitt xhur għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet prevista taħt l-Artikolu 7(2), fil-prattika ħafna minnhom ma jikkonformawx ma din l-iskadenza. B'mod partikolari, f'dawk l-Istati Membri fejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li huma responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal residenza għal żmien twil huma responsabbli wkoll għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-asil (eż. fl-Iżvezja), ġie rrappurtat dewmien itwal wara l-kriżi tar-refuġjati li bdiet fl-2015.

Taħt l-Artikolu 7(2), ir-raba' subparagrafu tad-Direttiva, kwalunkwe konsegwenza jekk ma tittieħidx deċiżjoni fi żmien l-iskadenza ta' sitt xhur trid tiġi ddeterminata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Din id-dispożizzjoni ġiet trasposta b'mod korrett mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri: fil-biċċa l-kbira mill-każijiet permezz ta' referenza għal-liġijiet amministrattivi ġenerali; f'każijiet oħra[18] permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi. Madankollu, kif enfasizzat fir-rapport ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/98/UE[19] dwar Permess Uniku, fil-prattika ma jidhirx li r-rimedji applikati f'xi Stati Membri huma suffiċjenti, u jistgħu jwasslu għal inċertezza tad-dritt u ħin tal-ipproċessar eċċessiv.

Tariffi għall-applikazzjoni

Għall-kuntrarju ta' direttivi aktar reċenti dwar il-migrazzjoni legali, id-Direttiva dwar l-LTR ma tinkludix dispożizzjonijiet dwar it-tariffi għall-applikazzjoni. Madankollu, ir-Rapport tal-2011 enfasizza li tariffi għoljin b'mod eċċessiv għandhom jitqiesu bħala li jmorru kontra l-prinċipju tal-proporzjonalità u bħala ekwivalenti għal kundizzjonijiet addizzjonali illegali għall-ammissjoni, li tipperikola l-"effet utile" tad-Direttiva.

Dan ġie kkonfermat mill-QĠUE f'żewġ sentenzi[20], li jistabbilixxu li "il-livell li bih [id-drittijiet] jiġu ffissati ma għandu jkollu la bħala għan u lanqas bħala effett li joħloq ostakolu għall-kisba tal-istatus ta' resident għal żmien twil mogħti minn din id-direttiva, inkella dan jippreġudika l-għan segwit minnha kif ukoll l-ispirtu tagħha.[21]". Il-Qorti ddikjarat ukoll li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni elementi differenti fil-valutazzjoni tal-proporzjonalità ta' dawn it-tariffi, inklużi: 1) l-impatt finanzjarju tat-tariffi fuq l-applikant; u 2) l-ispejjeż amministrattivi reali għall-ipproċessar ta' applikazzjoni u l-ħruġ ta' permess, imqabbla wkoll mat-tariffi għall-ħruġ ta' dokumenti simili lil ċittadini u ċittadini tal-UE.

---

17 Ara Hailbronner/Thym, il-Liġi tal-UE dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil. Kummentarju, it-tieni edizzjoni, p. 468.

18 BE, CY, FR, MT, PT.

19 Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/98/UE, COM(2019)160.

20 Is-sentenza tas-26 ta' April 2012, C-508/10 (*Il-Kummissjoni vs in-Netherlands)*; u s-sentenza tat-2 ta' Settembru 2015, C-309/14 (*CGIL & INCA).*

21 C-508/10, il-paragrafu 69.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur fir-rigward ta' tariffi sproporzjonati (li, fejn rilevanti jkopru wkoll direttivi oħra dwar il-migrazzjoni legali)[22] fil-konfront ta' għadd ta' Stati Membri: in-Netherlands, l-Italja, il-Bulgarija u l-Greċja – każijiet magħluqa wara bidla fil-leġiżlazzjoni nazzjonali biex it-tariffi jitbaxxew għal livell proporzjonali; u l-Portugall – il-każ għadu għaddej.

Permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE - Artikolu 8

L-Istati Membri kollha ttrasponew b'mod korrett id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 dwar il-forma u l-validità tal-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE. Dwar il-validità tal-permess, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri[23] għażlu perjodu ta' validità ta' 5 snin, filwaqt li oħrajn għażlu validità sa 10 snin jew għal perjodu illimitat[24].

Filwaqt li l-Artikolu 8 jipprovdi li l-validità tal-permess trid tkun għal mill-inqas ħames snin, ladarba jinkiseb l-istatus ta' residenza għal żmien twil, dan huwa permanenti, suġġett għall-kundizzjonijiet ta' rtirar taħt l-Artikolu 9.

Kummenti li jridu jiddaħħlu fil-permessi ta' residenza tal-UE ta' resident għal żmien twil li jkun benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali - Artikoli 8(4)-(6) u 19a

Fejn status ta' LTR jingħata lil benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, għandu jitniżżel kumment fil-permess li jinkludi isem l-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni (jew, f'każijiet ta' mobbiltà intra-UE, l-Istat Membru li l-protezzjoni tkun ġiet trasferita lilu). Wara proċedimenti ta' ksur dwar in-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/51/UE, bosta Stati Membri emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom biex jiżguraw traspożizzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati. S'issa, il-Kummissjoni ma rċevietx ilmenti rigward l-implimentazzjoni korretta ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Irtirar jew telf tal-istatus - Artikolu 9

Kumplessivament, l-Artikolu 9 ġie traspost b'mod korrett mill-Istati Membri, b'xi problemi żgħar ta' konformità.

Skont l-Artikolu 9(2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li assenzi mit-territorju tagħhom li jaqbżu 12-il xahar konsekuttiv, jew għal raġunijiet speċifiċi jew eċċezzjonali, ma jwasslux għall-irtirar jew it-telf tal-istatus ta' LTR. Xi Stati Membri[25] użaw din il-fakultà billi pprovdew li, bħala regola ġenerali, l-assenza għal 12-il xahar konsekuttiv mit-territorju tal-UE twassal għat-telf tal-istatus, filwaqt li pprovdew ukoll il-possibbiltà li jippermettu perjodu ta' assenza itwal minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali. Madankollu, Stati Membri oħra għażlu perjodu ta' żmien itwal bħala regola (eż. il-Finlandja għażlet perjodu ta' sentejn li jista' jiġi estiż minħabba ċirkustanzi speċifiċi u eċċezzjonali, u Franza għażlet tliet snin).

L-Artikolu 9(3) jippermetti li l-Istati Membri jirtiraw l-istatus ta' LTR f'każijiet fejn ir-resident għal żmien twil ikun jikkostitwixxi theddida għall-ordni pubbliku, iżda theddida bħal din mhijiex raġuni valida għal tkeċċija taħt l-Artikolu 12. Inqas min-nofs l-Istati Membri ddeċidew li jadottaw din l-opzjoni[26].

L-Artikolu 9(3a) jagħmilha possibbli li l-Istati Membri jirtiraw l-istatus ta' LTR fejn dak l-istatus ikun inkiseb abbażi ta' protezzjoni internazzjonali, u din il-protezzjoni tkun ġiet irtirata

[22] B'mod partikolari, id-Direttiva 2004/114/KE dwar l-istudenti, id-Direttiva 2005/71/KE dwar ir-riċerkaturi, id-Direttiva 2009/50/KE dwar il-Karta Blu tal-UE, id-Direttiva 2011/98/UE dwar il-permess uniku, id-Direttiva 2014/36/UE dwar il-ħaddiema staġjonali, u d-Direttiva 2014/66/UE dwar il-ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali.

[23] AT, BE, BG, CY, EL, ES, HR, HU, IT, LT, MT, NL, PL, PT, RO.

[24] CZ, DE, SI, FI, FR, SK.

[25] AT, BE, CZ, DE, EE, ES, LU, LV, MT, PT, SI.

[26] AT, CY, CZ, EE, EL, FR, IT, LU, NL, RO, SE, SI.

taħt ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika għall-Asil (minħabba li l-benefiċjarju kien imissu ġie eskluż minnha, jew iddikjara b'mod falz jew ħalla barra xi fatti li kienu deċiżivi għall-għoti tal-istatus). Il-Kummissjoni ma rċevietx ilmenti dwar l-implimentazzjoni skorretta ta' din id-dispożizzjoni mill-Istati Membri.

L-Artikolu 9(5) jipprovdi "proċedura faċilitata" għall-akkwist mill-ġdid tal-istatus ta' resident għal żmien twil. L-Istati Membri għandhom diskrezzjoni wiesgħa fl-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, billi l-kundizzjonijiet u l-proċedura jridu jiġu ddeterminati mil-liġi nazzjonali. Madankollu, f'xi każijiet dawk il-kundizzjonijiet jikkonsistu minn rekwiżiti eċċessivi li jidher li ma jikkonformawx mal-objettiv ta' proċedura faċilitata (eż. il-BE jeħtieġ residenza ta' 15-il sena qabel it-tluq).

Garanziji proċedurali - Artikolu 10

Fir-rigward tal-garanziji proċedurali taħt l-Artikolu 10, filwaqt li xi Stati Membri[27] jipprevedu arranġamenti amministrattivi għal residenti għal żmien twil fil-liġijiet tagħhom dwar l-immigrazzjoni, oħrajn[28] jirreferu biss għal-liġijiet amministrattivi ġenerali. Reċentement, il-Kummissjoni nediet proċedura ta' ksur fil-konfront tar-Rumanija għal ksur allegat tal-obbligu li jingħataw raġunijiet f'każ ta' deċiżjonijiet ta' rifjut ibbażati fuq is-sigurtà pubblika, fejn ressqet l-argument li anke f'każijiet fejn l-informazzjoni rilevanti tkun koperta minn sigriet tal-Istat, l-applikant għandu d-dritt li jsir jaf l-essenza ta' dik l-informazzjoni sabiex ikun jista' jista' jeżerċita d-dritt li jikkontesta d-deċiżjoni.

Trattament ugwali - Artikolu 11

Kif diġà ġie enfasizzat fir-Rapport tal-2011, bosta Stati Membri ma adottawx miżuri ta' traspożizzjoni speċifiċi tal-prinċipju tat-trattament ugwali fil-leġiżlazzjoni tagħhom dwar l-immigrazzjoni, iżda minflok jibbażaw fuq dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw l-impjieg, l-edukazzjoni u s-sigurtà soċjali, spiss f'kombinament mal-prinċipju ġenerali tan-nondiskriminazzjoni. In-nuqqas ta' miżuri ta' traspożizzjoni espliċiti jista' jirriżulta f'diffikultajiet fl-implimentazzjoni korretta tal-prinċipju tat-trattament ugwali fil-livell nazzjonali, kif ġie kkonfermat mill-bosta lmenti riċevuti mill-Kummissjoni f'dan il-qasam.

Fir-rigward tal-aċċess għal attivitajiet ta' impjieg u ta' impjieg indipendenti, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri[29] stabbilixxew dispożizzjonijiet li jillimitaw l-aċċess għal attivitajiet li jinvolvu anke involviment okkażjonali fl-eżerċitar tal-awtorità pubblika. Il-Kummissjoni ħadet azzjoni fil-konfront ta' xi Stati Membri meta qieset li dawn id-dispożizzjonijiet marru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga. Wara skambji bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali fl-2014, Stat Membru partikolari emenda l-leġiżlazzjoni tiegħu li ma kinitx tagħti aċċess għas-settur tat-trasport pubbliku u għas-servizz ċivili nazzjonali lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi residenti għal żmien twil. Fl-2018, il-Kummissjoni nediet proċedimenti ta' ksur fil-konfront tal-Ungerija fir-rigward ta' liġi nazzjonali li tipprojbixxi li residenti għal żmien twil ikollhom aċċess għall-professjoni ta' veterinarju.

Fir-rigward tal-aċċess għas-sigurtà soċjali, l-assistenza soċjali u l-protezzjoni soċjali, il-QĠUE ċċarat[30] il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga tal-"benefiċċji ewlenin" ipprovduta fl-Artikolu 11(4), billi ddikjarat li din trid tinftiehem bħala li tippermetti li l-Istati Membri jillimitaw it-trattament ugwali, għajr il-benefiċċji tal-assistenza soċjali jew tal-protezzjoni soċjali li jippermettu li individwi jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom, bħall-ikel, l-akkomodazzjoni u s-saħħa.

---

27 CY, EL, IT, MT, RO.
28 AT, BG, CZ, EE, FI, HR, HU, LV, NL, SI, SK.
29 BG, CY, DE, EE, EL, FI, FR, HR, HU, IT, LT, LU, MT, PL, PT, SK.
30 Is-sentenza tal-24 ta' April 2012, il-kawża C-571/10 (*Kamberaj).*

Ma kien meħtieġ ebda rekwiżit ta' traspożizzjoni għad-dispożizzjoni introdotta bil-paragrafu 4a, li skontha r-restrizzjonijiet fuq it-trattament ugwali għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika għall-Asil. Il-Kummissjoni ma rċevietx ilmenti dwar l-implimentazzjoni skorretta ta' din id-dispożizzjoni.

Protezzjoni kontra t-tkeċċija - Artikolu 12

L-Artikolu 12 tad-Direttiva ġie traspost b'mod korrett mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Madankollu, xi wħud[31] ma ttrasponewx b'mod espliċitu li t-theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika għandha tkun reali u serja biżżejjed. Barra minn hekk, xi Stati Membri[32] ma ttrasponewx għalkollox il-fatturi tal-ibbilanċjar mogħtija fil-paragrafu 3. F'każ reċenti[33], il-QĠUE ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni Spanjola ma tikkonformax mad-Direttiva, sa fejn hija ma tipprevedix il-valutazzjoni tal-fatturi previsti fl-Artikolu 12(3) għal deċiżjonijiet ta' tkeċċija wara kundanna għal reat kriminali punibbli b'terminu ta' priġunerija għal aktar minn sena.

Il-paragrafi 3a, 3b, 3c u 6 tal-Artikolu 12 jipprovdu regoli speċifiċi għal deċiżjonijiet ta' tkeċċija li jikkonċernaw detenturi ta' permess ta' residenza għal żmien twil fi Stat Membru partikolari, li jkunu kisbu l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor. Il-Kummissjoni ma rċevietx ilmenti rigward l-implimentazzjoni skorretta ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Dispożizzjonijiet/relazzjoni aktar favorevoli mal-permessi ta' residenza permanenti nazzjonali - Artikolu 13

Ir-Rapport tal-2011 enfasizza riskju ta' kompetizzjoni bejn il-permessi nazzjonali u dawk tal-UE, li mhux neċessarjament jirriżulta f'li jiġu applikati dispożizzjonijiet aktar favorevoli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, minħabba d-diffikultà biex jitqabblu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi rispettivi taż-żewġ tipi ta' permessi. Din il-problema ġiet ikkonfermata mir-riżultati ta' domanda ad hoc[34] tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN) li saret fl-2016, li enfasizzat li f'xi każijiet, filwaqt li l-permessi ta' residenza għal żmien twil jingħataw taħt kundizzjonijiet aktar favorevoli (eż. inqas minn residenza ta' ħames snin, jew inkella ebda rekwiżit ta' introjtu), dawn jipprovdu inqas drittijiet ta' trattament ugwali jew inqas protezzjoni kontra t-tkeċċija.

F'dak ir-rigward, sadanittant il-QĠUE ċċarat[35] l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13 li, minkejja t-titolu tiegħu, ma jagħtix lill-Istati Membri l-possibbiltà li jagħtu status ta' LTR taħt kundizzjonijiet aktar favorevoli, iżda minflok jippermetti l-koeżistenza ta' statuses ta' residenza nazzjonali għal żmien twil jew permanenti, li jkunu distinti. L-Istati Membri kollha għajr erba' minnhom (l-Awstrija, l-Italja, il-Lussemburgu u r-Rumanija) żammew skemi nazzjonali paralleli.

Kundizzjonijiet għar-residenza u l-impjieg fi Stat Membru ieħor - Artikoli 14, 15, 16, 18

Ir-Rapport tal-2011 enfasizza t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' mobbiltà intra-UE tad-Direttiva bħala li huma fost il-kwistjonijiet l-aktar problematiċi. Huwa ppreżenta wkoll l-għadd baxx ħafna ta' residenti għal żmien twil li kienu eżerċitaw id-dritt tagħhom li jgħixu fi Stat Membru ieħor (inqas minn 50 għal kull Stat Membru). Skont *data*

[31] BG, FR, IT, LT, LV, RO, SI, SK.
[32] AT, BG, DE, EE, FR, HR, LT, LV, NL, SE, SI, SK.
[33] Is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2017, il-kawża C-636/16 (*Wilber López Pastuzano).*
[34] Domanda Ad Hoc Nru 2016.1000 tal-EMN dwar permessi ta' residenza nazzjonali ta' validità permanenti jew illimitata.
[35] Is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, il-kawża C-469/13 (*Tahir)*.

(parzjali) disponibbli mill-EMN[36], jidher li d-drittijiet ta' mobbiltà intra-UE pprovduti taħt id-Direttiva għadhom ma jintużawx biżżejjed. Dan jista' jkun il-każ parzjalment minħabba li d-dritt mhuwiex awtomatiku iżda huwa suġġett għal għadd ta' kundizzjonijiet dettaljati (ara hawn taħt). Kif ġie kkonfermat minn għadd ta' lmenti riċevuti mill-Kummissjoni, dawk il-kundizzjonijiet u l-implimentazzjoni stretta mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri spiss jagħmlu l-eżerċitar prattiku tad-drittijiet ta' mobbiltà intra-UE diffiċli ħafna.

L-Artikolu 14(2) jipprevedi li residenti għal żmien twil fl-ewwel Stat Membru għandhom id-dritt ta' residenza fit-tieni Stat Membru abbażi ta' tliet raġunijiet prinċipali: l-eżerċitar ta' attività ekonomika; studji jew taħriġ vokazzjonali; għanijiet oħra. Filwaqt li xi Stati Membri[37] ma jirreferux għal "għanijiet oħra", jidher li xi oħrajn jipprovdu lista eżawrjenti tagħhom[38], li jista' jirriżulta f'implimentazzjoni ristrettiva tad-dispożizzjoni.

Taħt l-Artikolu 14(3), għadd ta' Stati Membri[39] għażlu li japplikaw testijiet tas-suq tax-xogħol għal residenti għal żmien twil minn Stati Membri oħra li japplikaw biex jgħixu u jeżerċitaw attività ekonomika.

L-Artikolu 14(4) tad-Direttiva jippermetti li l-Istati Membri jillimitaw l-għadd totali ta' persuni intitolati biex jingħataw dritt ta' residenza, jekk dawn il-limitazzjonijiet kienu diġà stipulati fil-leġiżlazzjoni eżistenti fi żmien l-adozzjoni tad-Direttiva. Tlieta biss[40] applikaw din l-opzjoni.

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 14(5) jippermetti li l-Istati Membri jawtorizzaw li residenti għal żmien twil minn Stati Membri oħra jibqgħu residenti bħala ħaddiema staġjonali, kategorija li mhijiex koperta mid-Direttiva 2014/36/UE dwar il-Ħaddiema staġjonali u li tapplika biss għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-UE. Din l-opzjoni ġiet applikata minn erba' Stati Membri[41].

L-Istati Membri kollha għażlu li japplikaw l-opzjoni pprovduta mill-Artikolu 15(2)(a) tad-Direttiva rigward il-kundizzjoni li l-applikanti jagħtu prova li għandhom riżorsi stabbli u regolari. Xi Stati Membri[42] stabbilixxew ammonti fissi (li jikkorrispondu għall-introjtu minimu nazzjonali) u li, biex ikunu kompatibbli mal-prinċipju tal-proporzjonalità kkonfermat mill-QĠUE fil-kawża *Chakroun*[43], iridu jiġu applikati filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ individwali.

L-Artikolu 15(3) tad-Direttiva jippermetti li l-Istati Membri jeħtieġu li residenti għal żmien twil japplikaw għal permess ta' residenza biex jikkonformaw mal-miżuri ta' integrazzjoni, jekk il-kundizzjonijiet ta' integrazzjoni ma jkunux ġew applikati għar-residenti għal żmien twil fl-ewwel Stat Membru. Ħames Stati Membri[44] ddeċidew li japplikaw din l-opzjoni.

Taħt l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva, konjuġi u tfal minorenni għandhom id-dritt li jakkumpanjaw u jingħaqdu mar-resident għal żmien twil, jekk il-familja tkun diġà kostitwita fl-ewwel Stat Membru. Xi Stati Membri stabbilixxew rekwiżiti addizzjonali li jistgħu jikkostitwixxu ostaklu għall-eżerċitar tal-mobbiltà. Pereżempju, ir-Repubblika Ċeka tobbliga lill-membri tal-familja biex jippreżentaw applikazzjoni flimkien ma' dokumenti addizzjonali,

---

[36] Il-mobbiltà intra-UE taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, Studju tal-EMN tal-2013, https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/doc_centre/immigration/docs/studies/emn-synthesis_report_intra_eu_mobility_final_july_2013.pdf, il-paġni 48-49.

[37] EE, EL.

[38] HR, RO.

[39] AT, CY, CZ, DE, FI, FR, IT, MT, NL, PT, RO, SI, SK.

[40] AT, IT, RO.

[41] DE, EE, ES, HR.

[42] BE, CZ, EL, ES, HR, IT, NL, PL, PT.

[43] Is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2010 fil-kawża C-578/08 ,(*Chakroun*).

[44] AT, DE, FR, MT, NL.

jiġifieri rekord kriminali u rapport mediku komprensiv. Fil-Ġermanja, il-membri tal-familja jistgħu jingħaqdu mar-resident għal żmien twil biss jekk dan ikollu biżżejjed spazju fejn jgħixu; fl-Estonja, il-konjuġi għandu d-dritt li jingħaqad mar-resident għal żmien twil jekk ikun diġà għex fl-ewwel Stat Membru.

L-Artikolu 16(2) tad-Direttiva jagħti l-opzjoni li d-dritt li jakkumpanjaw u jingħaqdu mar-resident għal żmien twil jiġi estiż għal membri tal-familja li mhumiex konjuġi u tfal minorenni. Din l-opzjoni ġiet trasposta minn xi Stati Membri[45].

Taħt l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva, kull meta l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, it-tieni Stat Membru jrid joħroġ permess ta' residenza li jista' jiġġedded lir-resident għal żmien twil, u jrid jinforma lill-ewwel Stat Membru dwar id-deċiżjoni tiegħu. Madankollu, xi Stati Membri[46] ma ttrasponewx dan l-obbligu ta' informazzjoni fil-leġiżlazzjoni tagħhom.

Trattament ugwali fit-tieni Stat Membru - Artikolu 21

Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva, wara li jirċievu l-permess ta' residenza fit-tieni Stat Membru, id-detenturi tal-permess u l-membri tal-familja tagħhom huma intitolati għal trattament ugwali fl-oqsma u taħt il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 11, inkluż aċċess għas-suq tax-xogħol. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrestringu t-trattament ugwali għal ċerti attivitajiet ta' impjieg u ta' impjieg indipendenti, għal perjodu li ma jaqbiżx 12-il xahar. Wara skambji bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, Stat Membru emenda l-leġiżlazzjoni tiegħu li kienet teħtieġ li l-membri tal-familja ta' residenti għal żmien twil minn Stati Membri oħra jkollhom permess ta' xogħol li jkun validu għal impjieg jew settur speċifiku biss, anke wara l-ewwel 12-il xahar ta' residenza.

Skont l-Artikolu 21(2), l-Istati Membri jistgħu jirrestringu l-aċċess għal attivitajiet ta' impjieg u ta' impjieg indipendenti għal dawk li jkollhom permess ta' residenza għall-finijiet ta' studji jew taħriġ vokazzjonali, jew inkella għal finijiet oħra. Din l-opzjoni tiġi applikata minn xi Stati Membri[47].

III. KONKLUŻJONIJIET

Mill-2011 'il hawn, tjiebet is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil madwar l-UE, fost l-oħrajn bis-saħħa tal-bosta każijiet ta' ksur li tnedew mill-Kummissjoni u s-sentenzi maqtugħa mill-QĠUE. Madankollu, xi kwistjonijiet pendenti għadhom jimminaw l-ilħuq sħiħ tal-objettivi prinċipali tad-Direttiva, li huma: li din tikkostitwixxi strument ġenwin għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ilhom jgħixu fit-tul fl-Istati Membri[48]; u li tikkontribwixxi għall-ksib effettiv ta' suq intern[49].

Rigward l-ewwel objettiv, ġie osservat hawn fuq li l-biċċa l-kbira mill-Istati Membri ma ppromwovewx l-użu tal-istatus ta' LTR tal-UE b'mod attiv, u jibqgħu, b'mod kważi esklussiv, joħorġu permessi ta' residenza nazzjonali għal żmien twil kważi esklużivament, sakemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jitolbux il-permess tal-UE b'mod espliċitu. Fl-2017, fil-25 Stat Membru marbuta bid-Direttiva kien hemm madwar 3.1 miljun ċittadin ta' pajjiżi terzi li kellhom permezz ta' LTR tal-UE, meta mqabbel ma' madwar 7.1 miljun li kellhom permess ta' residenza nazzjonali għal żmien twil[50]. Madankollu, kif inhu enfasizzat mil-letteratura akkademika, li kieku jiġi aċċertat li l-awtoritajiet nazzjonali tal-immigrazzjoni kienu qed

45 AT, BE, CZ, EE, ES, FI, HR, IT, LT, LU, PT.
46 AT, EE, EL, ES, FR, IT, LT, LV, RO.
47 AT, DE, EL, ES, FI, FR, HR, IT, MT, NL.
48 Il-Premessa 12, kif ġie kkonfermat mill-QĠUE fil-kawża Il-Kummissjoni vs in-Netherlands, C-508/10, il-paragrafu 66.
49 Il-Premessa 18, kif ġie kkonfermat mill-QĠUE fil-kawża Il-Kummissjoni vs in-Netherlands, C-508/10, il-paragrafu 66.
50 Data mill-Eurostat, http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=migr_reslong&lang=en

jippromwovu l-permess nazzjonali minflok il-permess tal-UE b'mod attiv, dan kieku jimmina l-*effet utile* tad-Direttiva[51].

Il-Kummissjoni se timmonitorja dan l-aspett tal-implimentazzjoni tad-Direttiva u se tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jadottaw il-permess ta' LTR tal-UE bħala strument li huwa ta' benefiċċju għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Rigward it-tieni objettiv, il-mod kif il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri implimentaw id-dispożizzjonijiet ta' mobbiltà intra-UE tad-Direttiva ma kkontribwiex verament għall-ksib tas-suq intern tal-UE. Huma biss ftit residenti għal żmien twil li eżerċitaw id-dritt li jmorru jgħixu fi Stati Membri oħra. Dan huwa l-każ ukoll minħabba li f'xi każijiet, l-eżerċitar ta' dan id-dritt huwa soġġett għal daqstant kundizzjonijiet daqs dawk għal applikazzjoni ġdida għal permess ta' residenza, jew minħabba li l-amministrazzjonijiet nazzjonali kompetenti ma għandhomx biżżejjed għarfien dwar il-proċeduri, jew inkella jsibuha diffiċli biex jikkooperaw mal-kontropartijiet tagħhom fi Stati Membri oħra. Il-Kummissjoni se tħeġġeġ lill-Istati Membri biex itejbu l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' mobbiltà intra-UE, fost l-oħrajn billi jippromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali.

Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri f'konformità mas-setgħat tagħha skont it-Trattati, u tista' tieħu azzjoni xierqa inkluża, meta jkun meħtieġ, it-tnedija ta' proċeduri ta' ksur.

[51] Ara Hailbronner/Thym, il-paġna 497.